MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1239/2002/1

**Galea Rosina**

**Vs**

**Aquilina Raymond**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ Marzu 2002 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm250 (mitejn u hamsin Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati fil-propjeta` tal-attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut kien qed jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni fid-dar tieghu u minhabba f’hekk ikkaguna hsara fid-dar ta’ l-attrici.

Illi l-perit ta’ l-attrici Robert Musumeci mar fil-post ta’ l-attrici u iddetermina illi l-hsara ikkagunata minhabba dan

ix-xoghol jammonta ghal mitejn u hamsin Lira Maltin skond ir-rapport hawn anness u mmarkat bhala Dok RG'. Illi l-konvenut ukoll baghat perit ghand id-dar ta' l-attrici imma l-attrici qatt ma semghet aktar minghand il-konvenut.

Ghaldaqstant l-attrici qed titlob bil-qima lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar joghgbu jikkundanna lil konvenut jhallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin bl-ispejjez u imghaxijiet legali.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Fl-ewwel lok u in linea preliminari in nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi t-talba kif imposta u dana peress li qabel ma' jillikwida xi danni allegatament sofferti, l-ewwel ghandu jsir l-ezami dwar ir-responsabbilita, fattur li kif inghad jezorbita l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.
2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti ma' kkawza ebda hsarat lill-attrici.
3. Illi konsegwentement isegwi li l-eccipjenti ma' ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni reklamati minn l-attrici.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-relazzjoni peritali.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghal hlas ta' danni peress illi l-konvenut waqt li kien qed jaghmel xogholijiet ta' ristrutturar fil-fond tieghu fi Triq Hal Nikluzi, Siggiewi kkaguna hsara fil-fond tal-attrici fi Triq Santa Margerita, Siggiewi. Dawn il-proprietajiet imissu minn wara ma xulxin. Mhux kontestat da parti tal-konvenut illi huwa ghamel xi xoghol fil-fond tieghu. Il-punt ta' kontestazzjoni huwa l-ammont ta' danni verament dovuti lill-istess attrici.

Illi una volta li din il-pendenza si tratta ta' materja teknika, l-attrici pproduciet bhal xhud taghha lill-Perit Robert Musumeci illi ffissa l-ammont fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Da parti tieghu l-konvenut ipproduca lill Perit Lidoviko Micallef li stima l-hsara necessarja fis-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100). In vista li ma sarx qbil fuq l-ammont tal volta dovut, giet nominat il-Perit Valerio Schembri illi skond ir-relazzjoni tieghu a Fol 27 sa 37 tal-process iffissa l-ammont fis-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150).

Illi l-konkluzzjoni peritali ma gietx opposta mill-ebda parti, la eskussjoni tramite u wisq anqas b'xi talba ghal Perit addizjonali. In vista ta' l-istess it-Tribunal jadotta l-istess stima peritali.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa` in parte sia t-talba attrici u sia l-eccezzjoni tal-konvenut, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) lill-attrici u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz kull parti thallas il-konsulent legali taghha, dawk specjali u tal-perit tekniku jibqghu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------